**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 27 ta` April 2017**

**Kawza Nru. 2**
**Rikors Nru. 992/15 JZM**

**Wara c-Cedola ta` Depozitu numru 1546/2012 datata 23 ta` Ottubru 2012 fl-ismijiet:-**

**Ab Initio Limited (C32316 bhala Trustee ta` *Xel u Best Trust***

***vs***

**HSBC Bank Malta plc**

***vs***

**Anthony Abela (ID 274354M) u Nadine Abela (ID 317660M)**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors li pprezentat HSBC Bank Malta plc fl-20 ta` Ottubru 2015 li jaqra hekk :–

*Illi l-Bank rikorrenti huwa kreditur tal-konjugi Anthony u Nadine Abela, kif stabbilit f`kuntratt ta` kostituzzjoni ta` debitu ffirmat fl-10 ta` Gunju 2009 u ppublikat min-Nutar Dr Angela Bezzina.*

*Illi l-Bank rikorrenti pprezenta ittra ufficjali skont l-artikolu 256(2) tal-Kap. 12 fit-18 ta` Frar 2011 biex jirrendi l-att ta` kostituzzjoni ta` debitu ezegwibbli. L-ammont dovut sat-3 ta` Frar, 2011 kien jammonta ghal total ta` €489,153.55.*

*Illi bis-sahha tat-titolu ezekuttiv li ottjena bin-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali, il-Bank ipproceda b`talba ghall-bejgh bis-subbasta tar-residenza taghhom f`Santa Marija Estate l-Mellieha.*

*Illi fil-fatt din il-propjeta` nbieghet bis-subbasta u giet liberata favur Ab Initio Limited bhala Trustee ta` "Xel &Best Trust" ghal sitt mitt elf ewro (€600,000.00).*

*Illi l-imsemmi prezz ta` sitt mitt elf ewro (€600,000.00) gie ddepozitat fir-Registru ta` dina l-Qorti bis-sahha tac-cedola tad-depozitu numru 1546/2012, u l-Bank iddikjara li l-ammont dovut lilu f`dak il-mument kien ta` €532,475.81, liema ammont minn dak in-nhar zdied tant li f`tarf dawn il-proceduri l-flus ma jkunux bizzejjed biex jithallas il-kreditu kollu u l-ispejjez gudizzjarji privileggjati u l-imghax.*

*Illi l-imsemmi dejn huwa kopert b`Ipoteka Generali, Ipoteka Specjali u Privilegg Specjali permezz ta` nota ta` Ipoteka u Privilegg irregistrat fir-Registru Pubbliku ta` Malta bin-numru ta` Registrazzjoni ittra "H" wiehed, sebgha, zero, sitta, tnejn tas-sena elfejn u tlettax (H 17062/2003) (Dok. HSBC 1).*

*Illi wara li diversi kredituri ghamlu talba ghal krediti dovuti lilhom, saret nota konguntiva bejn il-kredituri kif dokumentat fid-digriet tal-Qorti tal-31 ta` Lulju 2013, rikors numru 469/2013 fejn l-istess Qorti ordnat illi l-Bank HSBC jista` jizbanka s-somma ta` €532,000 skont ftehim milhuq ma` kredituri ohra li llum sfaxxa u skada.*

*Illi hemm dovut ukoll is-somma ta` €13,653.59 bhala spejjez inkorsi mill-Bank in konnessjoni mas-subbasta fl-ismijiet "HSBC Bank Malta p.l.c. vs Anthony Abela et Numru 78/2011 (ara taxxi mahduma mmarkati Dok. HSBC 2 sa Dok. HSBC 6).*

*Illi peress illi kienu nhargu numru ta` sekwestri minn kredituri ohra li ma kinux parti min-nota konguntiva hawn fuq riferita, ir-Registratur tal-Qorti oggezzjona ghar-rilaxx tal-flus a favur il-Bank rikorrenti kif kien gie ordnat mill-Qorti fl-imsemmi digriet tal-31 ta` Lulju 2013.*

*Illi permezz tad-digriet tal-11 ta` Frar 2015 il-Qorti stiednet lill-partijiet ikkoncernati jaghmlu talba ghall-ftuh ta` konkors ta` kredituri minhabba oppozizzjoni ta` kredituri li lanqas biss huma privileggjati jew ipotekarji.*

*Illi l-Bank rikorrenti ghandu interess illi l-proceduri ta` konkors ta` kredituri jinbdew billi huwa kreditur tal-konjugi Abela, li sad-data tal-24 ta` Marzu 2015 il-kreditu totali inkluz kapital, imghaxijiet u spejjez legali kien jammonta ghal €634,018.74.*

*Ghaldaqstant il-Bank rikorrenti, jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tordna l-ftuh tal-konkors tal-kredituri fuq is-somma li tinsab depozitata bis-sahha tal-imsemmija cedola ta` depozitu skont l-artikolu 416 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, u tiehu dawk il-provvedimenti kollha mehtiega skont il-ligi.*

*B`riserva ghal kull azzjoni ta` danni kontra min iwassal ghal u jkompli jzid ma` dan id-dewmien li se jirrizulta f`telf ta` imghax u spejjez lis-socjeta` esponenti jekk jirrizulta minn dawn il-proceduri li d-drittijiet taghhom ma jintitolahomx li jiggradwaw fuq il-prezz mertu ta` dan il-konkors jew li d-dewmien ikkagunat minnhom ma kienx gustifikat.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors.

Semghet ix-xiehda tal-P.L. Catherine Fenech fl-udjenza tal-21 ta` Frar 2017.

Rat il-prova l-ohra.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tal-21 ta` Frar 2017 fejn halliet il-procediment ghad-decizjoni ghal-lum *in difett ta` ostakolu.*

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

Rat illi ma jirrizulta l-ebda ostakolu sabiex tinghata decizjoni llum.

## II. Il-konkorrenti

Wara l-liberazzjoni tal-*utile dominium* temporanju ghall-perijodu rimanenti minn 150 sena li bdew fid-9 ta` Novembru 1963 tal-*fully detached villa* bl-isem "Jasmine" bin-numru 23 u l-garaxx bin-numru 25 anness mal-imsemmija villa, it-tnejn mibnija fuq il-plot numru 386 fi Triq il-Palm, Santa Marija Estate, Mellieha u soggett ghall-annwu u temporanju subcens ta` EUR 111.81c favur AB Initio Limited bhala *trustee* ta` Xel & Best Trust, kienet depozitata taht l-awtorita` tal-Qorti s-somma ta` €600,000 permezz ta` cedola ta` depozitu nru 1546/2012 tat-23 ta` Ottubru 2012

Tnejn kienu l-kredituri li talbu li jippartecipaw fil-procedura tal-lum.

Finalizzata l-procedura skont l-Art 416 tal-Kap 12, dawk iz-zewg kredituri kienu ammessi biex jikkonkorru ghall-ammont depozitat.

**Dawn huma :-**

1) **HSBC Bank Malta plc.**

2) **Kummissarju tat-Taxxi (qabel maghruf bhala l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud).**

## III. L-Art 416 tal-Kap 12

Il-procedura tal-konkors tal-kredituri hija regolata bl-Art 416 tal-Kap 12 li jaqra hekk :-

*(1) Meta fil-qrati superjuri jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha superjuri, ikunu gew*

*iddepozitati flus, illi fuqhom izjed minn zewg persuni jippretendu jeddijiet aqwa minn ta` haddiehor jew qabilhom, jew xi interess iehor, il-qorti, fuq rikors ta` wiehed minn dawk ilpretendenti, tordna, bil-mezz tar-registratur, li, f`gazzetta wahda jew izjed, fosthom f`kull kaz il-Gazzetta tal-Gvern, jigi mahrug avviz li jgharraf b`dak id-depozitu u b`dawk il-pretensjonijiet fuqu u illi jsejjah lil kull min jista` jkollu interess sabiex igib `il quddiem il-jeddijiet tieghu fi zmien xahar ; u meta jaghlaq dak iz-zmien ebda persuna, illi ma tkunx dehret f`dak iz-zmien, ma tista` twaqqaf jew xort`ohra zzomm il-kawza ta` konkors milli tigi deciza bejn dawk li jkunu dehru.*

*(2) Fl-avviz hawn fuq imsemmi ghandu jkun hemm il-jum li fih, wara li jaghlaq l-imsemmi zmien ta` xahar, il-partijiet interessati kollha li jkunu giebu `l quddiem il-pretensjonijiet taghhom, ghandhom jidhru fil-qorti ghas-smigh tal-kawza.*

*(3) F`affarijiet tal-kummerc, iz-zmien hawn fuq imsemmi jista` jigi mqassar daqs kemm il-qorti jidhrilha li jkun bizzejjed.*

*(4) Bl-avviz hawn fuq imsemmi ghandhom ikunu nnotifikati d-depozitanti, id-debitur, il-kredituri esekutanti kif ukoll kull kreditur iehor li fuq talba tieghu jkun gie mahrug mandat ta` sekwestru.*

Skont is-subartikolu (1) jirrizulta illi sabiex jista` jiskatta l-konkors tal-kredituri jrid ikun hemm izjed minn zewg persuni li jkunu jippretendu li ghandhom jeddijiet aqwa fuq il-flus li jkunu gew depositati taht l-awtorita` tal-qorti.

Dwar dan ir-rekwizit, din il-Qorti fil-provvediment taghha ta` l-14 ta` Mejju 2015 dwar ir-rikors nru. 806/2013 : **Wara l-bejgh bis-Subbasta Numru 14/09 u fl-atti tac-Cedola Numru 649/09 fl-ismijiet : Michael Attard Limited (C32362) *kontra* Lee Nathan Mayne** qalet hekk :-

*"Fil-fehma tal-Qorti, li jkunu izjed minn tnejn il-persuni li jivvantaw dawk il-jeddijiet fuq id-depozitu huwa pregudizzjali sabiex tista` tiskatta lprocedura. Li l-kredituri jkunu izjed minn zewg persuni ghandu jirrizulta fi stadju bikri u cioe` meta wara li jkun sar id-depozitu, kreditur jew aktar jitolbu l-izbank, u dik it-talba tkun opposta minn ta` l-inqas zewg kredituri ohra. F`dak l-istadju, u allura qabel isir ir-rikors ghall-konkors, ikun diga` stabbilit l-ghadd tal-kredituri li qeghdin jirreklamaw il-flus depozitati jew li jopponu l-izbank ghaliex jippretendu li ghandhom kreditu kontra d-debitur, u li dak il-kreditu jippregradwa krediti*

*ta` haddiehor. Jekk l-ghadd talkredituri fid-data tal-presentata tar-rikors ikun ta` tnejn jew inqas, ilprocediment ma jistax jiskatta. Jekk l-ghadd ta` persuni jkun ta` izjed minn tnejn, il-procediment jista` jiskatta u n-numru ta` l-kredituri konkorrenti jista` anke jkompli jizdied, jekk jigu osservati s-subartikoli l-ohra tal-Art 416.*

*Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti (PA/PS) moghtija fis- 27 ta` Jannar 2003 fil-procediment nru 469/1998 fl-ismijiet "Konkors tal-Kredituri ta` Joseph Ellul" (mhux appellata). Minnha sejra tislet dak li huwa rilevanti ghall-procediment tal-lum. Dak il-konkors kien istitwit minn Joseph Meli ghal JAV Services Station Limited bhala kreditur ta` Joseph Ellul. Il-Qorti qalet hekk inter alia :- Din il-procedura giet istigata mill-fatt allegat fir-rikors tas-socjeta` JAV Service Station Limited li fl-atti tac-Cedola Numru 750/96 hemm flejjes sufficjenti biex jigi sodisfatt il-kreditu taghha fil-konfront tad-debitur taghha Joseph Ellul, liema kreditu jinsab kononizzat b` sentenza tal-Qorti tal-Kummerc ta` l-20 ta` Novembru 1992 ; Kif kien mistenni dina l-Qorti, diversament presjeduta, kienet ordnat li jsiru ssoliti avvizi konformement mad-dettami ta` l-Artikolu 416(1) tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civil relattiv ghal proceduri "Fuq il-Konkorsi". Dawn jidher li saru …*

*Permezz ta` verbal fl-udjenza tat-12 ta` Ottubru 1999 dina l-Qorti hatret lill-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino bhala kuratur. Dan minn naha tieghu nforma lill-Qorti b`nota ntavolata fis-27 ta` Novembru 2000 illi luniku konkorrent kienet biss is-socjeta` rikorrenti li ppromuoviet it-talba ghal konkors billi l-ebda haddiehor ma kkonkorra ; Effettivament mill-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm kredituri ohra pretendenti. Dan nonostante li fir-rikors promotur taghha s-socjeta` rikorrenti kienet ippremettiet illi hi ma setghetx tizbanka l-ammont kanonizzat favur taghha "peress illi terzi persuni jidhrilhom li ghandhom jedd" fuq il-bilanc tassomma depozitata ;*

*Kif gustament rilevat mill-imsemmi kuratur fis-Nota tieghu l-procedura ntentata ma tilhaqx u ma tissodisfax r-rekwizit baziku ta` lArtikolu 416(1) tal-Kap 12 fis-sens illi l-konkors tal-kredituri jirrikjedi almenu izjed minn zewg persuni li jippretendu jeddijiet fuq il-flus depozitati ;*

*Effettivament is-socjeta` rikorrenti ma ressqet l-ebda prova dwar l-ezistenza ta` kredituri ohra li kellhom l-allegat jedd fuq id-depozitu jew bilanc tieghu. Li hu maghruf mill-korp tar-rikors promotur hu li anterjorment ghallprezentata ta` din il-procedura kienu gja gew zbankati diversi ammonti ta` flejjes mis-somma*

*inizjalment depozitata. Dan forsi jispjega ukoll u ahjar ilfatt illi ma kienx ghad fadal kredituri x`jikkonkorru ;*

*Dan kollu premess iwassal ghall-unika konkluzjoni possibbli. Jigifieri li l-procedura intentata mis-socjeta` rikorrenti saret "per inutile" u ma setghetx allura tigi attivata in kwantu, kif manifest, l-element essenzjali taghha ma jokkorrix …*

*Ghal dawn il-motivi mhux il-kaz li din il-Qorti tinoltra ruhha jew taghti provvedimenti ulterjuri kif mitlub, anke ghaliex, kif premess, ilprocedura ntentata minn Joseph Meli nomine saret inutilment u ai termini ta` l-Artikolu 416 tal- Kap. 12 il-konkors tal-kredituri rikjest minnu ma huwiex konsentit. L-ispejjez tal-prezenti procedura huma a kariku ta` l-istess Joseph Meli nomine."*

**Ta` l-istess portata kien il-provvediment ta` din il-Qorti tal-14 ta` Mejju 2015 fir-Rikors Numru 537/2014 li sar fl-atti tac-Cedola Numru 2323/12 u fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru Nru. 3377/11 fl-ismijiet <u>Charles Grech & Co Limited (C2473) *kontra* Dr. Clarence Busuttil (ID 120859M) u Bay Catering Limited (C39785) ; u fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru Nru. 2747/12 fl-ismijiet : Lorraine Attard (ID 96271M) *kontra* XL Projects Limited (C51117) u Dr. Clarence Busuttil (ID 120859M)</u>**

## IV. <u>Fatti</u>

Jirrizulta illi HSBC Bank Malta plc huwa kreditur tal-konjugi Anthony u Nadine Abela.

Il-kreditu tal-bank huwa kopert b`ipoteka generali, b`ipoteka specjali u bi privilegg specjali skont nota ta` ipoteka u ta` privilegg, registrata fir-Registru Pubbliku ta` Malta bin-numru ta` registrazzjoni H 17062/2003), [ara fol 5-7]. Il-kreditu huwa garantit bl-ipoteka u bil-privilegg specjali inkombenti fuq il-proprjeta` liberata fis-subbasta de qua.

Jirrizulta illi fit-23 ta` Ottubru 2012, Ab Initio Ltd fil-vesti taghha ta` *trustee* ta` Xel & Best Trust, ipprezentat cedola ta` depozitu ghas-somma komplessiva ta` €600,000 sabiex tkopri l-prezz tal-*utile dominium* temporanju ghall-perijodu rimanenti ta` 150 sena li bdew fid-9 ta` Novembru 1963 tal-*fully detached villa* bl-isem "Jasmine" bin-numru 23 u l-garaxx bin-

numru 25 anness mal-imsemmija villa, it-tnejn mibnijin fuq il-plot numru 386 fi Triq il-Palm, Santa Marija Estate, Mellieha u soggett ghall-annwu u temporanju sub cens ta` EUR 111.81c.

Mir-rikors promotur, jirrizulta li wara li saret ic-cedola, kien hemm diversi kredituri li ghamlu talba ghall-hlas ta` krediti dovuti lilhom u saret nota konguntiva bejn il-kredituri kif dokumentat fid-digriet tal-31 ta` Lulju 2013, rikors numru 469/2013 fejn kien ordnat illi HSBC Bank Malta plc ikun jista` jizbanka s-somma ta` €532,000 skont ftehim milhuq ma` kredituri ohra li llum m`ghadux fis-sehh.

Madanakollu, mill-kontenut ta` r-rikors promotur, jirrizulta li peress illi kienu hargu numru ta` sekwestri minn kredituri ohra li ma kinux parti fin-nota konguntiva fuq riferita, ir-Registratur tal-Qorti oggezzjona ghar-rilaxx tal-flus favur HSBC Bank Malta plc.

Jirrizulta wkoll illi b`digriet tal-11 ta` Frar 2015 il-Qorti stiednet lill-partijiet interessatti sabiex jaghmlu talba ghall-ftuh ta` konkors ta` kredituri minhabba oppozizzjoni ta` kredituri.

Jirrizulta li fl-20 ta` Ottubru 2015 HSBC Bank Malta plc ipprezenta r-rikors tal-lum fejn (ghax kien hemm kredituri ohra li kienu qed jippretendu jeddijiet u/jew xi interess iehor fuq id-depozitu) talab il-ftuh tal-konkors tal-kredituri tal-konjugi Anthony u Nadine Abela.

Jirrizulta li kien hemm ordni sabiex ir-rikors ikun notifikat lid-debituri, kif ukoll lil diversi kredituri fosthom Ronald Cordina, Emanuel Cassar, Violet Cassar, The General Soft Drinks Co Ltd, Alexander Aquilina, Reuben Bonnici, Michael Camilleri, Kummissarju tat-Taxxi Interni, Maltacom illum maghrufa bhala GO plc; Bernard Schranz u Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Jirrizulta li Ronald Cordina kiene notifikat fit-30 ta` Dicembru 2015 (stante li l-ewwel notifika li sehhet fis-7 ta` Dicembru 2015 giet ikkontestata skont il-verbal maghmul fl-10 ta` Dicembru 2015) izda ma ressaq l-ebda talba sabiex ikun ammess jippartecipa fil-konkors, ghalkemm ipprezenta nota fl-20 ta` Jannar 2016 (fol 57).

Jirrizulta li Go Plc kienet notifikata fis-7 ta` Ottubru 2015 izda ma ressqet l-ebda talba sabiex tkun ammessa tippartecipa fil-konkors.

Jirrizulta li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni gie notifikat fid-9 ta` Dicembru 2015 izda ma pprezenta l-ebda talba biex jigi ammess jippartecipa fil-konkors.

Jirrizulta li l-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud (illum maghruf bhala l-Kummissarju tat-Taxxi) kien notifikat fis-7 ta` Dicembru 2015 u pprezenta talba sabiex ikun ammess jippartecipa f` dan il-konkors, liema talba giet milqugha permezz tad-digriet moghti fil-21 ta` Frar 2017.

Jirrizulta li The General Soft Drinks Co Ltd kienet notifikata fis-7 ta` Dicembru 2015 izda ma pprezentat l-ebda talba biex tkun ammessa tippartecipa fil-konkors.

Jirrizulta li fl-4 ta` Dicembru 2015 gew notifikat Michael Camilleri u Alexander Aquilina izda l-ebda wiehed minnhom ma pprezenta talba biex jigi ammess jippartecipa f` dan il-konkors.

Jirrizulta li Bernard Schranz gie notifikat fit-18 ta` Jannar 2016 izda ma ressaq l-ebda talba biex jigi ammess jippartecipa f` dan il-konkors.

Jirrizulta li Emanuel u Violet Cassar gew notifikat fid-19 ta` jannar 2016 izda ma pprezentaw l-ebda talba biex jigu ammessi jippartecipaw f` dan il-konkors.

Reuben Bonnici gie notifikat fit-3 ta` Frar 2016 izda dan ma pprezentax talba biex jigi ammess jippartecipa f` dan il-konkors.

Jirrizulta li HSBC Bank Malta plc ghamel talba biex jigi ammess jippartecipa f` dan il-konkors.

Id-debituri kif ukoll Ab Initio Ltd fil-vesti taghha ta` Trustee ta` Xel & Best Trust ma ppartecipawx f` dawn il-proceduri minkejja li kienu notifikati bl-istess atti.

## V. <u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>

HSBC Bank Malta plc mexxa bil-procedura tal-lum bhala konsegwenza tal-fatt illi kienet michuda t-talba tieghu ghall-izbank.

Il-Qorti tirrileva illi fid-data meta sar ir-rikors, jidher illi l-bank kien konsapevoli tal-fatt illi kien hemm kredituri ohra li kienu qeghdin jivvantaw jedd fuq l-ammont depositat. Ghalkemm huwa minnu li effettivament fil-procedura tal-lum, ippartecipaw u kienu ammessi zewg kredituri biss u cioe` l-bank rikorrent u l-Kummissarju tat-Taxxi (gia` maghruf bhala l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud), jirrizulta mill-atti li kien hemm kredituri ohra li ghal xi raguni ma ppartecipawx izda li kienu qed jippretendu li ghandhom jeddijiet fuq l-ammont depozitat meta kien qed jintalab ir-rilaxx tal-ammont depozitat.

Tant dan huwa hekk li fid-digriet tal-11 ta` Frar 2015 il-Qorti ikkonfermat li kien hemm terzi li kellhom pretensjonijiet u stiednet lill-bank rikorrent biex jipprocedi b`talba ghal konkors ta` kredituri. Fic-cirkostanzi ghalhekk il-bank rikorrent tat bidu ghall-konkors tal-kredituri skont l-Art 416(1) tal-Kap 12 peress li rrizulta li kemm qabel kif ukoll wara l-prezentata tar-rikors (b`referenza ghan-notifiki li ntalbu li jsiru ta` dan ir-rikors) kien hemm izjed minn zewg kredituri, ghalkemm effettivament fil-procedura ghazlu li jippartecipaw zewg kredituri biss.

Din il-Qorti diga` ppronunzjat ruhha f`sitwazzjoni simili ghal dik tal-lum fil-proceddiment deciz fid-29 ta` Settembru 2016 - Rik. Nru. 1169/15 JZM fl-ismijiet **<u>Konkors ta` Kredituri ta` Alexander Aloisio u Dagmar Pallmar Fiorini</u>** fejn kienet ghamlitha cara li minkejja li gew ammessi zewg kredituri biss fil-procedura ta` l-konkors ladarba kien hemm aktar kredituri li wasslu li ssir it-talba ghall-konkors huwa sufficjenti sabiex ikun sodisfatt dak li jitlob l-Art 416(1) tal-Kap 12.

Dan premess, il-Qorti sejra tghaddi ghall-ezami tal-krediti ghall-fini ta` pregradwazzjoni.

**1. <u>Il-kreditu tal-Kummissarju tat-Taxxi<br>(gia` l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud)</u>**

Dan il-kreditu jammonta ghal EUR 16,806.94c.

Il-kreditu kien rez ezegwibbli bis-sahha ta` ittra ufficjali bin-numru 2925/08 li kienet prezentata fit-23 ta` Settembru 2008 u debitament notifikata lid-debitur fit-2 ta` Ottubru 2008 (fol 50 u 51).

Fl-att gudizzjarju in kwistjoni, l-ammont reklamat kien EUR 26,584, waqt illi fil-procediment odjern, l-ammont reklamat EUR 16,806.94c. Madanakollu, ladarba l-ammont reklamat attwalment huwa inqas minn dak imsemmi fl-ittra ufficjali li rrendiet il-kreditu ezegwibbli, dan il-fatt mhuwiex ta` pregudizzju ghad-drittijiet tal-kreditur.

Jinghad li dwar it-titolu tal-Kummissarju tat-Taxxi, l-Art 59 ta` l-Att XXIII ta` l-1998 jistipola illi :

*(1) Avviz mahrug mill-Kummissarju li juri ammont ta` taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna ghandu jkun xiehda bizzejjed, kemm-il darba ma tingiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u ghandu jikkostitwixxi titolu ezekuttiv fil-kuntest u ghall-ghanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

*(2) Il-Kummissarju jista` jitlob il-hlas ta` kull taxxa u penali amministrattiva li ghandha tithallas minn persuna skont dan l-Att bil-mezz ta` nota ta` talba ghall-hlas, u jekk il-hlas mitlub ma jsirx fi zmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta` talba ghall-hlas tkun giet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista` jghaddi biex jigbor dak il-hlas bis-sahha tat-titolu ezekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta `talba ghall-hlas li ssir permezz ta` att gudizzjarju. Meta jiskadi l-perjodu ta` jumejn imsemmi f`dan is-subartikolu, il-Kummissarju jkollu dritt li jirregistra fir-registru pubbliku jew fir-registru tal-artijiet, skont il-kaz, nota ta` privilegg ghall-ammont mitlub fl-att gudizzjarju u dik in-nota ta` privilegg tista` tigi registrata minn kull avukat jew nutar.*

*(3) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 468 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili ghandhom japplikaw dwar kull mandat mahrug bis-sahha tat-titolu ezekuttiv imsemmi f`dan l-artikolu u ghall-izbank ta` kull flus li jingabru mill-bejgh fl-irkant tal-proprjetà maqbuda, u ebda oppozizzjoni jew rizerva fic-cedola ta` depozitu ma ghandha twaqqaf il-hlas ta` xi somma li tkun depozitata fil-qorti wara li jkun sar dak il-mandat kif imsemmi qabel.*

Abbazi tal-ittra ufficjali jirrizulta li kien inhareg avviz li imbaghad kien segwit bl-ittra ufficjali sabiex it-titolu ezekuttiv jigi rez ezegwibbli.

Ghaldaqstant, jidher li kienet segwita l-procedura prevista bid-disposizzjoni li jfisser illi t-titolu huwa ezekuttiv.

Jigi rilevat illi l-ittra ufficjali saret fil-konfront ta` Anthony Abela fl-isem personali tieghu u bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Venues Company Limited.

Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni li tat il-Qorti ta` l-Appell fid-29 ta` Mejju 2015 (Appell Civili Numru. 831/2007/1) fil-**Konkors ta` Kredituri ta` Victor Zammit et** fejn kien sar l-argument li mart Victor Zammit ma kellha l-ebda responsabbilta` ghall-hlas tat-taxxa, u ladarba l-fond mibjugh bis-subbasta kien proprjeta` personali ta` Victor u Rose konjugi Zammit f`ismha ndaqs id-Direttur tat-Taxxi ma kellux jikkonkorri ghas-sehem ta` Rose Zammit.

Il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

> " … *d-djun fiskali huma responsabbilta` tal-kumpanija gestita minn Victor Zammit, bir-responsabbilta` tinfirex, bis-sahha tal-ligi, fuq ir-rapprezentant taghha, f`dan il-kaz, l-istess Victor Zammit: Dan ifisser li hekk kif dan Victor Zammit holoq il-kumpanija tieghu, u assuma lkariga ta` Direttur rapprezentant tal-istess, assuma minnufih u awtomatikament obbligu li jhallas lill-awtoritajiet kull taxxa li tista` tkun dovuta. Din ir-responsabbilta` hija konsegwenza diretta tar-rapprezentanza tieghu tassocjeta` kummercjali inkwistjoni. Il-kumpanija u l-assi taghha jappartjenu lillkomunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Zammit u l-pizijiet marbuta ma` dawk l-assi huma wkoll pizijiet tal-komunjoni (Artikolu 1327(a) tal-Kodici Civili). Hekk kif il-kumpanija tibda tinnegozja fil-kors normali tan-negozju u ssir passibli ghall-hlas ta` diversi taxxi, dan il-piz jkun piz tal-kumpanija stess u taddiretturi taghha u f`dan l-ahhar kaz ikun piz fuq il-komunjoni tal-akkwisti jekk id-diretturi jkunu mizzewga u, kif inhu prezunt bil-ligi, regolati bir-regim talkomunjoni tal-akkwisti.*
>
> *Isegwi li Rose Zammit ma tistax tinheles mir-responsabbilta` legali taghha ghall-hlas tat-taxxa reklamat mid-Direttur.*"

Fuq l-iskorta ta` din id-decizjoni, il-Qorti tghid illi tenut kont li l-ittra ufficjali rrendiet ezegwibbli t-titolu fil-konfront ta` Anthony Abela, dak it-titolu kien rez ezegwibbli wkoll fil-konfront ta` mart l-istess Anthony Abela.

## 2. <u>Il-kreditu ta` HSBC Bank Malta plc</u>

Dwar il-kreditu ta` HSBC Bank Malta plc, kienu prezentati kopji ta` taxi ghal spejjez gudizzjarji nkorsi mill-bank fl-ammont ta` EUR 13,653.59c (fol 8 sa fol 15). Kienu esebiti : (i) taxxa ta` l-ispejjez li saru fis-subbasta 78/11 fl-ismijiet ***<u>HSBC Bank Malta plc vs Anthony Abela et</u>*** fl-ammont ta` EUR 4553.72c ; (ii) taxxa tad-drittijiet u spejjez ta` l-ittra ufficjali ezekuttiva 547/11 fl-ismijiet ***<u>HSBC Bank Malta plc vs Anthony Abela et</u>*** ammontanti ghal EUR 2,949.69c ; (iii) taxxa tad-drittijiet u spejjez ta` l-ittra ufficjali ezekuttiva 4649/07 fl-ismijiet ***<u>HSBC Bank Malta plc vs Anthony Abela et</u>*** ammontanti ghal EUR 2,694.53c ; (iv) taxxa tad-drittijiet u spejjez ta` l-ittra ufficjali ezekuttiva 4048/07 fl-ismijiet ***<u>HSBC Bank Malta plc vs I.R.O Limited et</u>*** ammontanti ghal EUR 2,694.53c ; u (v) taxxa tad-drittijiet u spejjez ta` rikors kostituzzjonali 24/13 fl-ismijiet ***<u>Anthony Abela et vs Direttur tal-Qrati u Tribunali Civili et</u>*** li mar dezert fit-13 ta` Marzu 2015 ammontanti ghal EUR 761.12c.

Il-bank ippremetta wkoll li huwa kreditur tal-konjugi Abela ai termini ta` kuntratt ta` kostituzzjoni ta` debitu iffirmat fl-10 ta` Gunju 2009 u ppubblikat minn Nutar Dottor Angela Bezzina.

Ippremetta wkoll illi pprezenta ittra ufficjali skont l-Art 256(2) tal-Kap 12 fit-18 ta` Frar 2011 sabiex jirrendi ezegwibbli l-att ta` kostituzzjoni ta` debitu..

Din il-Qorti tinnota illi l-bank kreditur ma pprezentax dokumenti biex jikkorrabora dak li ppremetta fir-rikors promotur dwar il-kostituzzjoni ta` debitu u l-ittra ufficjali prezentata ai termini ta` l-Art 256(2) tal-Kap 12. Lanqas ma pprezenta atti relatati mar-rikors kostituzzjonali 24/13 fl-ismijiet ***<u>Anthony Abela et vs Direttur tal-Qrati u Tribunali Civili et</u>*** sabiex ikun jista` jigi kkostatat jekk l-atti gudizzjarji ghandhomx x` jaqsmu proprju ma` l-allegat titolu tal-bank rikorrenti u mal-kreditu vantat kontra d-debituri konjugi Abela. Huwa obbligu ta` l-kreditur li jaghmel il-prova tat-titolu.

Madanakollu l-Qorti tqis ukoll illi fil-kors tal-procediment, xehdet il-P.L. Catherine Fenech, rapprezentant tal-bank, illi kkonfermat bil-gurament

taghha illi fit-18 ta` Dicembru 2015, il-bank kellu kreditu fl-ammont ta` EUR 649,080.44c oltre imghaxijiet ulterjuri bir-rata ta` 8% fis-sena sad-data tal-pagament effettiv, kif ukoll kreditu ta` EUR 13,653.59c rapprezentanti spejjez inkorsi mill-bank, oltre l-ispejjez ta` l-prezenti procedura.

Qieset ukoll il-fatt li ghal li jirrigwarda atti gudizzjarji, il-Qorti ghandha tiehu konjizzjoni taghhom peress li ladarba huma atti prezenti fir-registru tal-qorti, il-Qorti ghandha l-mezzi ghad-disposizzjoni taghha sabiex tivverifika dak l-istess att u taccerta ruhha li l-att mhux biss kien prezentat izda anke notifikat.

Din hija l-linja li hadet il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza li tat fit-22 ta` Jannar 2010 fil-kawza "**Korporazzjoni Enemalta vs V & C Contractors Limited**" fejn inghad hekk :-

"*…It-Tribunal, avolja ma gietx prezentata kopja ta` dak l-att, kellu jiehu kont ta` dik l-ittra ufficjali ghal liema l-Korporazzjoni appellant rreferiet fl-Avviz taghha ghaliex, trattasi ta` att gjacenti fir-registru tal-Qorti, hu kellu l-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu li jivverfika dak l-istess att u jaccerta ruhu wkoll illi l-att mhux biss gie ntavolat izda notifikat wkoll;*

*Ta` din l-istess fehma, fuq ir-ricerka maghmula, kienet il-Qorti tal-Appell, sede Kummercjali, fid-decizjoni fl-ismijiet **Alphonse Maria Vella et vs Carmelo Mallia**, 11.07.1994, li , in referenza ghan-nuqqas mill-parti attrici t` ezibizzjoni ta` kopji ta` sentenzi fl-ewwel istanza, irreteniet dan li gej ghall-akkoljiment minnha tal-appell lilha devolut:*

1. *Trattandosi ta` sentenzi ta` wahda minn dawn il-Qorti, din il-Qorti ma tistax tifhem kif biex tigi pruvata l-ezistenza taghhom jehtieg li tkun il-parti li tipprezenta kopja ufficjali taghhom meta huma atti tal-istess Qorti;*
2. *Din il-Qorti m` ghandiex dubju li una volta saret riferenza ghal zewg sentenzi li kienu jirrigwardaw il-mertu tal-kawza, l-ewwel Qorti kellha jew tezamina l-istess sentenzi hi jew jekk ghandha xi diffikoltajiet tordna lill-parti biex jipprezentaw kopja. Certament, pero` ma setghetx tippenalizza lill-atturi ghax naqsu li jipprezentaw kopja awtentikata ta` dawn is-sentenzi billi ssostni li b` daqshekk naqset il-prova tal-ezistenza tal-istess meta dawn huma atti tal-istess Qorti.*
3. *Kwantu ghall-ittra ufficjali japplika ukoll dak li nghad.*

*Dan hu hekk anke fil-kaz ta` semplici referenza ghad-dokumenti ezebiti f`sede kriminali ghaliex, kif sewwa deciz, essendo giacenti in atti di Corte, possono in seguito a riferimento fattovi dall`*

*attore…servire per istruire una lite civile. Ara* ***Negte Giuseppe C Degiorgio et vs Carmelo Asciak,*** *Appell Civili, 03.10.1927;*

*Jinzel minn dawn l-ezemplari rakkolti mill-gurisprudenza illi l-motivazzjoni tat-Tribunal hi vizzjata u d-decizjoni ghandha tigi mwarrba."*

Ghalkemm tishaq illi HSBC Bank Malta plc kien messu pprezenta l-att li bih irrenda it-titolu ezegwibbli, il-Qorti kkostatat in-notifika u ghalhekk qeghda tqis bhala ppruvati l-krediti.

**3. Validita` tat-titoli**

Skont l-emendi li saru bl-Att IV tal-2016, it-termini relatati mal-ezekuzzjoni ta` titoli ezekuttivi kif jirrizulta fl-Art 258 tal-Kap 12 gew estizi sabiex huwa biss wara :

l-gheluq ta` hmistax-il sena minn dak in-nhar li fih skont il-ligi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafu (a), (c) u (d) tal-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Superjuri seta` gie esegwit ; jew

l-gheluq ta` ghaxar snin minn dak in-nhar li fih skont il-ligi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (a), (c) u (d) tal-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Inferjuri jew tat-Tribunal tat-Talbiet Zghar seta`gie esegwit ; jew

l-gheluq ta` hames snin minn dak in-nhar li fih skont il-ligi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e) tal-artikolu 253, jew rigward il-proceduri mehudin skont l-artikolu 166A seta` gie esegwit,

li tkun mehtiega l-procedura apozita biex tkun tista` ssir talba ghall-ezekuzzjoni ta` dak it-titolu ezekuttiv.

Billi fil-kaz ta` HSBC Bank Malta plc, it-termini ghadhom ma ddekorrewx, it-titolu jibqa` ezekuttiv.

Fil-kaz tal-Kummissarju tat-Taxxi (gia` maghruf bhala Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud), l-ittra ufficjali saret fit-23 ta` Settembru 2008. Il-Qorti tqis li t-titolu ezekuttiv tal-Kummissarju tat-Taxxi skont l-Art 59 ta` l-Att XXIII ta` l-1998 mhux inkluz fl-atti ezekuttivi indikati fil-Kap 12. Madanakollu meta jitqies li l-ammont reklamat, il-Qorti hija propensa li tqis it-terminu applikabbli bhala dak ta` 15-il sena.

Billi t-termini ma ddekorrewx, it-titolu jibqa` ezekuttiv u ezegwibbli.

## 4. Pregradwazzjoni

Il-bank ghandu a favur tieghu ipoteka generali, ipoteka specjali u privilegg specjali registrati fuq l-immobbli li inbiegh bis-subbasta u kien rilaxxjat favur ta` Ab Initio Limited bhala trustee ta` Xel u Best Trust.

Mill-banda l-ohra, il-Kummissarju tat-Taxxi (gia` maghruf bhala l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jsostni li l-kreditu tieghu ghandu jippregradwa l-kreditu ta` konkorrenti ohra abbazi tal-Art 62 tal-Kap 406.

Il-Qorti tghid illi skont l-Art 337(3) u l-Artu 344 tal-Kap 12, l-ewwel ghandhom jithallsu lill-kreditur ezekutant l-ispejjez tal-irkant bla ebda kondizzjoni kif ukoll jiehu lura l-ispejjez legali u l-ispejjez ghall-kanonizzazzjoni tal-kreditu tieghu taht l-obbligazzjoni, imsahha b`garanzija tajba, li jerga` jroddhom lix-xerrej fil-kaz ta` evizzjoni tal-immobbli li jkun gie hekk liberat. Ai termini ta` l-Art 346 tal-Kap 12, il-kredituri ezekutanti mhumiex biss dawk il-kredituri originali li jkunu taw bidu ghall-procedura ta` subbasta izda huma l-kredituri l-ohra kollha li jkunu dahlu kompartecipi f` dawk il-proceduri ai termini ta` l-istess disposizzjoni.

Skont l-Art 2003 tal-Kap 16, fost il-krediti privileggjati, hemm l-ispejjez gudizzjarji.

L-Art 2004(1) tal-Kap 16 jipprovdi illi :-

> *"L-ispejjez gudizzjarji privileggati huma dawk li jsiru ghall-inventarju, jew ghal xi hag`ohra fl-interess tal-kredituri kollha, fosthom l-ispejjez mehtiega sabiex isir ilbejgh tal-beni u l-qsim tal-prezz taghhom."*

Ghalhekk mill-ammont depozitat qabel xejn ghandhom jigu prelevati dawk l-ammonti mhallsa minn dawn il-kredituri ezekutanti nkluz l-ispejjez tas-subbasta u l-ispejjez ghall-kanonizzazzjoni tal-kreditu taghhom kif pruvati fl-atti ta` dan il-konkors. Ghandhom ukoll jithallsu l-ispejjez

gudizzjarji relatati ma` dan il-konkors, liema spejjez ghadhom iridu jigu ntaxxati.

Dwar imbaghad min ser isewgi l-kredituri ezekutanti, il-Kummissarju tat-Taxxi (gia` maghruf bhala Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud) sostna fir-rikors tieghu tat-22 ta` Dicembru 2015 li l-kreditu tieghu huwa privileggjat ai termini ta` l-Art 62 tal-Kap 406.

L-Artikolu 62 tal-Kap. 406 jipprovdi illi :

*"Il-Kummissarju ikollu privilegg specjali fuq l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita` ekonomika ta` persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna taht dan l-Att u t-taxxa msemmija ghandha tithallas, minkejja kull ma jista` jinsab f`xi ligi ohra, bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor, hlief dejn li jkollu privilegg generali u dejn imsemmi fl-artikolu 2009(a) jew (b) tal-Kodici Civili".*

Dwar il-pozizzjoni tad-Dipartiment tat-Taxxi, huwa rilevanti ferm dak li nghad fid-decizjoni dwar il-**<u>Konkors ta` l-kredituri ta` Carmelo Gauci Limited</u>** (Rikors Numru 53/06) deciza mill-Qorti ta` l-Appell fis-27 ta` Frar 2009 :-

*"Fl-ewwel parti tieghu dan l-artikolu jaghti "privilegg specjali" lill-Kummissarju (u mhux "jedd ta` privilegg" kif jinghad f`legislazzjonijiet ohra), u fl-ordinament guridiku Malti jezisti tip wiehed biss ta` privilegg specjali, u dan huwa dak indikat fl-Artikolu 2001(2) tal-Kodici Civli. Fil-ligijiet fiskali in kwistjoni il-legislatur ma tax xi definizzjoni ta` "privilegg specjali" ghall-finijiet tal-istess ligijiet fiskali, u, ghalhekk, it-tifsira ta` dan il-kuncett irid jittiehed mid-definizzjoni tieghu fil-Kodici Civili li, sakemm mhux eskluz, japplika b`mod generali. Hu interessanti wkoll li jigi notat illi dan il-"privilegg specjali" ma nghatax fuq il-beni kollha ta` kull xorta tad-debitur, f`liema kaz kien jehtig li jkun deskritt bhala privilegg "generali" skond l-Artikolu 2001(1) tal-Kodici Civli, izda, fuq proprjeta` "partikolari" fit-termini tad-definizzjoni ta` privilegg specjali fil-Kodici Civili, u cioe`, fuq "l-attiv li jaghmel sehem millattivita` ekonomika ta` persuna". "Dan ikompli juri l-hsieb tal-legislatur li jorbot dan il-privilegg ma` dak trattat fil-Kodici Civili.*

*"Issa, fil-waqt li l-privilegg specjali fuq hwejjeg mobbli, mhux mehtieg li jigi registrat (Artikolu 2032 tal-Kodici Civili), il-privileggi specjali fuq l-immobbli m`ghandhomx effett "jekk ma*

*jigux imnizzlin fir-Registru Pubbliku" (Artikolu 2029). Dan hu hekk ghax privilegg specjali fuq immobbli hu munit b`diritto di seguito (Artikolu 2002(2)), b`mod li jibqa` jaghti titolu ta` preferenza u jedd fuq il-proprjeta` anke jekk dik il-proprjeta` tghaddi ghand persuni ohra. Din ir-registrazzjoni hija mehtiega fl-interess tat-terzi, ghax terz li jkun se jixtri proprjeta` partikolari huwa intitolat li jkun jaf jekk dik il-proprjeta` hijiex qed taghmel tajjeb ghal dejn ta` xi hadd iehor. Ghalhekk hu importanti li dan il-privilegg specjali jigi registrat b`referenza espressa ghall-proprjeta` immobbli kolpita, u dan kif jiddisponi l-Artikolu 7 tal-Att dwar ir-Registru Pubbliku (Kap. 56 tal-Ligijiet ta` Malta). Registrazzjoni ta` privilegg specjali semplicement "fuq l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita` ekonomika" taddebitur ma tistax titqies valida ghax il-privilegg irid jolqot proprjeta` immobbli partikolari, bl-indikazzjoni tal-immobbli tkun skond l-Artikolu 7 talAtt indikat. Fin-nuqqas ta` tali registrazzjoni, maghmula kif trid il-ligi, ma jistax jinghad li l-privilegg specjali jolqot xi proprjeta` immobbli. Fis-sistema legali taghna, ma hux koncepit "privilegg specjali" fuq immobbli mhux registrat, aktar u aktar meta tqis li skond il-ligi, il-privileggi specjali fuq limmobbli huma, f`kull kaz, muniti bid-diritto di seguito.*

*"Sa hawn, din il-Qorti, taqbel mat-tezi tal-HSBC Bank Malta plc u abbraccjata mill-ewwel Qorti. L-Artikolu 62 tal-Kap. 406, pero`, jinqasam f`zewg partijiet, u din il-Qorti ma taqbilx mal-mod kif l-ewwel Qorti interpretat it-tieni parti ta` dan l-artikolu. L-ewwel Qorti qablet mal-perit legali fejn dan qal a fol. 526:*

*"Barra minn hekk, l-Artikolu 62 jista` jinghad li jinqasam f`zewg aspetti, fl-ewwel parti jigi stabbilit il-privilegg specjali filwaqt li fit-tieni parti jigi stabbilit illi dan il-privilegg specjali jiggradwa bi preferenza, minkejja kull ma jista` jinsab f`xi ligi ohra fuq dejn privileggjat iehor. Jidher ghalhekk illi l-kwalifika li hemm fl-Artikolu 62 li biha kwalunkwe ligi ohra ghandha tigi sottratta ghall-gradwazzjoni kontemplata fl-Art. 62, hija limitata ghall-kwistjoni ta` gradwazzjoni diment li jigi determinat illi dak il-kreditu huwa munit bil-privilegg specjali". (sottolinear ta` din il-Qorti).*

*"Din il-Qorti ma taqbilx mal-partijiet minnha sottolineati, peress li l-ligi ma tghidx li l-privilegg specjali jiggradwa bi preferenza, izda li "t-taxxa msemmija ghandha tithallas" bi preferenza, u lanqas ma tassoggetta lpreferenza tal-hlas ghad-determinazzjoni illi l-kreditu huwa munit bi privilegg specjali. Kif intqal mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Zammit v. Caruana noe, deciza fit-8 ta` Jannar, 1958, il-kreditu u l-privilegg huma separati minn xulxin: il-kreditu huwa haga, u l-privilegg huwa hag`ohra.*

*Ghalkemm il-privilegg ma jistax jissussisti minghajr il-kreditu, il-kreditu jista` jissussisti indipendentement mill-privilegg. F`dan il-kuntest dan ifisser illi nnuqqas tal-Kummissarju tal-VAT li jirregistra l-privilegg ma jestingwix ilkreditu, u skond l-Artikolu 62, dan il-kreditu ghandu jithallas "bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor".*

*"Bil-privilegg specjali, debitament registrat, il-Kummissarju tal-VAT ikun jista` jinforza l-kreditu tieghu fuq dik il-proprjeta` immobbli partikolari, f`idejn min tkun. Jekk ma jirregistrax ipoteka specjali, allura jrid jissodisfa ruhu mill-assi li jkollu d-debitur, b`dan, pero`, li anke jekk dawk l-assi jkunu milquta b`xi privilegg, il-Kummissarju jithallas l-ewwel (hlief kif jiddisponi listess Artikolu 62).*

*"Il-frazi "minkejja kull ma jista` jinsab f`xi ligi ohra" tinsab, fil-fatt, fit-tieni parti ta` din il-klawsola, u fil-waqt li mhux qed tirreferi ghall-"privilegg specjali" imsemmi fl-ewwel parti, tikkwalifika l-hlas tat-taxxa li, f`kull kaz mill-assi taddebitur, ghandha ssir bi preferenza fuq kull dejn iehor, hemm x`hemm f`ligijiet ohra.*

*"Ghalhekk, f`dan il-kaz, la darba l-flus garantiti mill-bank ghall-fini ta` dawn il-proceduri, huma r-rikavat mill-bejgh tal-assi tal-kumpanija debitrici, ittaxxa dovuta ghandha tithallas bi preferenza u qabel kull dejn iehor bhal dak tal-bank konkorrent.*

*"Irid jizdied li d-dritt ta` preferenza tal-Kummissarju tal-VAT hu fuq it-taxxa dovuta u mhux fuq hlasijiet ohra li jistghu jkunu dovuti. Fil-fatt, George Catania, li jokkupa l-kariga ta` Direttur tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, spjega li mill-kreditu totali ta` Lm96,456.36, l-ammont li jirrapprezenta taxxa pura jammonta ghall-Lm40,000, u fil-fatt ikkonferma illi l-preferenza pretiza midDipartiment huwa fuq is-somma ta` Lm40,000 ekwivalenti ghall-€93,174.94. Hija din is-somma li ghandha tithallas lill-Kummissarju tal-VAT qabel kull dejn iehor, hi x`inhi d-data tar-registrazzjoni tal-privileggi relattiv minn dawn it-terzi.*

Mill-banda l-ohra, fil-**Konkors ta` Kredituri ta` Christopher Gauci** li kien deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-21 ta` Ottubru 2013 (liema decizjoni giet appellata izda sal-lum ma hemmx decizjoni mill-Qorti tal-Appell) id-Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud kien qed jippretendi, (kif ghamel fil-kaz tal-lum) illi l-kreditu tieghu kien jippregradwa "[.] *stante illi hu munit minn privilegg specjali fuq il-proprjeta` ta` Christopher Gauci ai termini ta` l-artikolu 62 tal-Kap. 406 kif jintwera f`aktar dettall waqt it-trattazzjoni tal-kawza*".

Il-Qorti qalet hekk :-

*"Fil-fehma tal-qorti l-pretenzjoni tad-Dipartiment tat-Taxxa Fuq Valur Mizjud, li ghandu jippregradwa lill-kullhadd, hi bla bazi meta tqies li m`hemmx prova li s-somma flus oggett ta` dan il-process, hi provenjenti minn attivita` ekonomika ta` Christopher Gauci.*

*Skond l-Artikolu 62 tal-Kap. 406, il-privilegg hu moghti "[.] fuq l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita` ekonomika ta` persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna." (enfazi tal-qorti). Ma saret l-ebda prova li l-fond li kien inbiegh kien jifforma "sehem mill-attivita` ekonomika" kif definit fl-Artikolu 5 tal-istess Att. Lanqas ma jirrizulta li Christopher Gauci kellu "attivita ekonomika". Anzi l-provi li tressqu huma fis-sens li l-penthouse li nbieghet bl-irkant li sar fid- 29 ta` Novembru 2006 kienet ir-residenza personali tieghu , u jidher li kien impjegat mal-istess kumpannija.*

*Ghalhekk id-Direttur General ma jidhirx li jgawdu l-privilegg li jippretendi li ghandu ai termini tal-Artikolu 62 tal-Kap. 406."*

Madanakollu, aktar ricenti fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta` l-Appell fid-29 ta` Mejju 2015 fil-**Konkors ta` Kredituri ta` Victor Zammit et** inghad hekk :-

*Fir-raba` lok, il-bank appellant jsostni li skont il-ligi, il-privilegg specjali li ghandu l-Kummissarju tal-VAT hija biss fuq l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita` ekonomika tal-persuna responsabbli ghal hlas tat-taxxa, u l-fond immobiljari proprjeta` tal-konjugi Zammit li nbiegh bis-subbasta kien id-dar matrimonjali taghhom, u kwindi ma jikkostitwixxix parti mill-attiv li jaghmel sehem mill-attivita` ekonomika ta` Victor Zammit. Dan l-aggravju tajjeb li jigi diskuss flimkien mal-aggravju numru hamsa, li jghid li, f`kull kaz, il-privilegg specjali intilef peress li ma giex registrat u insinwat fir-Registratu Pubbliku. Irriferenza hija dejjem ghall-Artikolu 62 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap. 406 tal-Ligijiet ta` Malta). Dan l-artikolu gie diskuss minn din il-Qorti, ukoll fuq appell tal-HSBC Bank plc, fil-kawza gia` msemmija fl-isem Konkors ta` Kredituri ta` Carmelo Gauci Ltd, deciza fis-27 ta` Frar 2009. ….**Ghab-bazi ta` dan l-insenjament, l-aggravji tal-bank appellant ma jistghux jigu milqugha. Il-Kummissarju tal-VAT ma kien igawdi ebda privilegg specjali fuq il-fond matrimonjali tal-konjugi Zammit li nbiegh bis-subbasta, izda xorta wahda t-taxxa***

***trid tithallas bi `preferenza` fuq dejn iehor, anke jekk privileggat.***

*Kwindi, ir-raba` u l-hames aggravji tal-bank appellant qed jigu michuda."* (enfasi ta` din il-Qorti)

Fil-kaz tal-lum ma kienx ippruvat mill-Kummissarju tat-Taxxi illi l-kreditu tieghu huwa munit bi privilegg specjali fuq il-proprjeta` ta` Anthony Abela skont l-Art 62 tal-Kap 406. Ma tressqet l-ebda prova li fuq il-fond li nbiegh bl-irkant, kien registrat il-privilegg kontemplat fl-Art 59(2) tal-Kap. 406. Nonostante dan, ghalkemm ma kienx hemm privilegg specjali fuq il-fond tal-konjugi Abela li nbiegh bis-subbasta, it-taxxa dovuta xorta trid tithallas bi preferenza fuq dejn iehor, anke jekk privileggjat.

Minn qari tal-kontenut ta` l-ittra ufficjali ezebita, jirrizulta li l-ammont dovut huwa deskritt bhala ammont rapprezentanti taxxa fuq il-valur mizjud. Ma giex indikat li dan l-ammont jinkludi xi ammonti ohra bhalma huma hlasijiet ta` multi jew penali. Ghalhekk, l-ammont fl-intier tieghu reklamat fir-rikors tat-22 ta` Dicembru 2015 sejjer jigi meqjus li jippregradwa l-kreditu ta` HSBC Bank Malta plc.

<u>**Decide**</u>

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi hekk :-**

**(1) Tordna li mill-ammont depozitat that l-awtorita` tal-qorti bic-cedola ta` depozitu fuq riferita ghandhom jigu prelevati dawk l-ammonti mhallsa mill-kredituri ezekutanti relatati ma` l-ispejjez ta` l-irkant bin-numru 78/11, ma` l-ispejjez ghall-kanonizzazzjoni tal-kreditu taghhom, u ma` l-ispejjez gudizzjarji ta` dan il-konkors ta` kredituri.**

**(2) Tordna li l-kredituri ezekutanti jithallsu dawn l-ispejjez flimkien ma` t-taxxa fuq il-valur mizjud dovuta fuq id-drittijiet legali.**

**(3) Tordna li mill-ammont bilancjali ghandu jithallas l-ewwel il-Kummissarju tat-Taxxi (gia` maghruf bhala Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud) l-ammont ta` sittax-il elf tmien mija u sitt**

**Ewro erbgha u disghin centezmu (€16,806.94) biex b`hekk ikun sodisfatt l-intier tal-kreditu reklamat minnu fil-procediment tal-lum.**

**(4) Tordna illi mill-flus li jkun fadal tithallas is-socjeta` HSBC Bank Malta plc sabiex b`hekk ikun sodisfatt in parte l-kreditu taghha.**

**(5) Tiddikjara illi bhala effett tal-izbank tal-flus kollha depozitati bis-sahha tac-cedola ta` depozitu fuq riferita, mhux se jkun hemm bizzejjed fondi sabiex jithallas l-intier tal-kreditu tas-socjeta` HSBC Bank Malta plc.**

**(6) Tordna lil kull kreditur konkorrent ihallas l-ispejjez tieghu skond il-kreditu li kien qieghed jippretendi li jithallas.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**